MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru 454/2008

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Gilbert Agius

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 396576(m), akkuzat li:

1. nhar id-19 ta' Mejju 2008 ghal habta tat-8.15 ta' filghaxija filwaqt li kien fil-bacir numru 2 gewwa l-Malta Shipyards ikkommetta serq ta' zewg 'coils' tal-cable tal-welding ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u persuni ohra liema serq hu ikkwalifikat bil-valur, liema valur jeccedi l-233 Ewro izda anqas minn 1165 Ewro, bil-persuna, bil-lok, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa;

Il-Qorti mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati;

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-Art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta serq ta' zewg 'welding cables' li l-imputat huwa mixli li seraq mill-bacir numru tnejn minn gewwa t-tarzna. Il-provi kontra tieghu huma kemm diretti u kemm cirkostanzjali. Huma diretti in kwantu ghal dak li xehed certu John Falzon gia' mas-sezzjoni tas-sigurta' it-tarzna u huma cirkostanzjali fis-sens li l-imputat ma spjegax per ezempju ghaliex fuq l-ispalla tax-xellug kienu jidhru marki ta' garr ta' cables, jew wkoll, kif bhala plasterer kien jehtieglu l-uzu ta'cables. Kollox ma kollox fuq il-fatti rizultanti, u fl-ebda stadju michuda mill-imputat, li kif hu d-dritt tieghu ghazel li ma jixhidtx, il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni taghha dwar ir-rieta' tal-imputat ghar-reat addebitat kontra tieghu. Il-fatt li innega fl-istqarrija minnu rilaxxjata lill-Pulizija mhi ta' ebda beneficju ghalih.

Intant, jinsabu pruvati wkoll l-aggravji tas-serq konsistenti però f'dik tal-persuna billi gie dimostrat li l-imputat kien impjegat it-tarzna, b'dik tal-valur billi jiskorri t-223.64 Ewro izda mhux l-2329.37 Ewro, u b'dak tal-lok u l-hin.

Wkoll, r-reat jaqa' interament taht il-kappa tas-serq billi hu pruvat li l-oggett, ossija iz-zewg cables, gew trasportati minn posthom.

Inghad dan, ghalhekk, issib l-imputat hati tal-akkuza kontrih dedotta. Rat l-Artikolu 261(c)(d)(e)(f), 267, 268(d), 269(d), 279(a) u 280(1) tal-Kap 9. Tikkundannah sitt xhur prigunerija li qeghdha pero' tissospendi ghal perjodu ta' sentejn mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor soggett ghall-prigunerija fi zmien il-perjodu operattiv u dan ukoll ghal fatt li l-oggetti nstabu intatti gewwa t-tarzna stess.

Fl-ahharnett ma tarax l-bzonn tal-applikazzjoni tal-Artikolu 383 et seq izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 qeghdha tikkundannah ghall-hlas tal-ispejjes tal-esperti imqabbda fuq il-kaz, liema spejjes ghandhom jithallsu zmien xahar li jircevi l-import taghhom mir-Registratur ta' dawn il-Qrati, inkella konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------